MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 1288/1999/1

Avviz Nru:-1288/99DM

HLS Enterprises Limited

Vs

Louis Spiteri u Marvin Spiteri

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta' hames mija tnejn u sebghin lira u zewg centezmi (Lm572.02) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' office equipment, inkluza photocopier, lilhom mibjugha u lilhom konsenjati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri bonarji tad-9 ta' Gunju 1998 u tal-20 ta' Jannar 1998, u dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju prezentat kontestwalment ma l-avviz, u bl-

imghax kummercjali mis-6 ta' Gunju 1997, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Louis Spiteri u Marvin Spiteri fejn eccipew illi:

1 L-azzjoni tas-socjeta attrici hi preskritta a tenur tal-Artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili;
2 Bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-eccipjenti ma humiex debituri tas-socjeta attrici;
3 Bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, l-photocopier supplita mis-socjeta attrici ma hix tal-kwalita pattwita, hi teknikament difettuza u ma hix tajba ghall-uzu;
4 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tal-31 ta' Jannar 2001 fejn d-difensur tal-atturi ccara l-avviz fis-sens illi ddikjara li l-bilanc pretiz ma jinkludix xi parti mill-prezz ta' photocopier.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Bl-ewwel eccezzjoni preliminarji l-konvenuti qedghin jeccepixxu l-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 2148 (d) tal-Kodici Civili illi jiddisponi illi l-azzjonijiet ta' kredituri ghal prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli mibjugha bl-imnut jaqaghu bil-preskrizzjoni ta' tmintax - il xahar.

Mill-provi prodotti pero' jirrizulta illi l-konvenuti jiggestixxu negozju ghall-bejgh ta komputers u attrezzi relatati li kienu huma jixtru minghand l-atturi. Evidentement din il-merkanzija ma kienetx tigi mibjugh lilhom bl-imnut izda kien intiz li l-konvenuti jbieghu l-istess apparat lil terzi bi qliegh u ghalhekk mhuwiex applikabbli l-Artikolu citat. u

konsegwentement tirrespingi l-eccezzjoni ta preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti.

Apparti dan, jirrizulta ukoll illi, sa almenu sena qabel ma gietipprezentata din ic-citazzjoni, kien qed isir skambju ta’ korrispondenza bejn il-kontendenti dwar il-kontijiet pendenti u anke sar pagament akkont fil-5 ta' Marzu 1998 minghajr ebda riservi da parti tal-konvenuti. Dan ghalhekk jimplika interruzzjoni tal-perijodu preskrittiv u konsegwentement tiddikjara illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti ma tsitax tigi akkolta u qedgha tigi michuda.

Fil-mertu, jirrizulta illi l-bilanc li qedghin jezigu l-atturi minghand il-konvenuti jirreferi ghal merkanzija diversa minn dik li kienet giet minnhom ikkonsenjata lill-konventi b’effett mill-30 ta’ Gunju tal-1997. Dawn kif jirrizulta mill-istatement minnhom esibit fis-6 t’April 2001 (a fol 26 tal-process) fejn jirrizultaw ukoll il-pagamenti illi l-konvenuti ghamlu akkont tal-prezz tal-oggetti mibjugha u kkonsenjati.

Inoltre gie esklus minn dan l-istatement u anke mill-mertu ta’ din il-kawza l-‘photocopier’ li saret riferenza ghalih kemm fl-avviz kif ukoll fl-eccezzjonijiet u anke fil-provi. Infatti l-partijiet qablu, skond verbal tal-31 ta’ Jannar tas-sena 2001, illi dan il-‘photocopier’ kien gie mibjugh u mhallas sas-6 ta’ Gunju 1997 u ghalhekk kull kwistjoni dwar l-istess photocopier hija estranea ghal kwistjoni odjerna.

Min-naha taghhom il-konvenuti fil-mertu ma jikkontestawx illi huma kienu effettivament xtraw l-oggetti indikati fl-istatement esibit mill-atturi. Il-kontestazzjoni taghhom tirrigwarda l-prezzijiet li gew applikati billi jsosstnu li dawn ma jinkludux id-*discounts* li jsostnu li kien sar qbil fuqhom u jinsistu ukoll illi l-*istatement* relattiv ma jurix id-diversi pagamenti ohra li l-konvenuti ghamlu u li taghhom esibew l-ircevuti originali.

Mill-ezami tal-istess *statement* u minn ezami tal-ircevuti esibiti (mmarkati dokumenti LS1 sa LS4 u LS6 sa LS9)

jirrizulta illi effettivament il-konvenuti kienu ghamlu pagamenti akkont lill-kumpanija attrici f'ammont ferm ikbar minn dak li gie lilhom akkreditat u li dan l-ammont anke jghamel tajjeb ghal bilanc ta' Lm572 (hames mija u tnejn u sebghin lira Maltin) li qedghin jitolbu l-atturi f'din il-kawza.

Dawn il-pagamenti li jidhru li saru akkont tan-negozju li kien isir bejn il-kontendenti minghajr ebda riferenza ghal xi kont iehor specifiku, ghandhom jigu akkreditati ghal kont li dwaru qedgha ssir din il-kawza.

Billi evidentement dawn il-pagamenti mhumiex irregistrati fl-istatement esibit mill-atturi u billi huma sufficjenti ukoll biex jghamlu tajjeb ghall-ammont ta' Lm572 (hames mija u tnejn u sebghin lira Maltin) mitluba mill-atturi, jirrizulta illi l-provi prodotti mill-atturi, konsistenti f'estratti erronei mill-kotba taghhom tal-kummerc ma humiex sufficjenti biex fuqghom tista tigi akkolta it-talba taghhom.

Inoltre l-istess pagamenti mhux irregistrati huma sufficjenti biex jaghmlu tajjeb ghal kwalunkwe bilanc li qedghin jirreklamaw l-istess atturi.

Ghalhekk ghal dawn il-motivi issib illi t-talba attrici m'hiex gustifikata u qedgha tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------